QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
INFERJURI

**MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 31 ta' Ottubru 2000**

**Avviz numru 74/99MM**

**Maltacom plc**

**-vs-**

**George Grech**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz fejn is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici Maltacom plc s-somma ta' erba' mija u sbatax-il lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm417.24) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 553209 (CN-298666) skond kif jirrizulta mill-anness prospett (Dok B) liema servizz gie nstallat fil-fond 14, Triq Sant'Andrija, Xlendi, Munxar, Ghawdex skond kopja tas-service agreement anness (Dok A);

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Frar 1999, t-taxxa VAT fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-notifika tal-konvenut ai termini ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

L-istess konvenut naqas li jattendi ghas-smiegh ta' din il-kawza u baqa' ma ikkontestax it-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi t-talbiet attrici huma gustifikati.

Ghaldaqstant tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' erba' mija u sbatax-il lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm417.24) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-

servizz tat-telefon bin-numru 553209 (CN-298666) skond kif jirrizulta mill-anness prospett (Dok B) liema servizz gie nstallat fil-fond 14, Triq Sant'Andrija, Xlendi, Munxar, Ghawdex skond kopja tas-service agreement anness (Dok A).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Frar 1999, t-taxxa VAT fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur